

# editorjal

Il-bidu tat-twaqqif tas-Società Filarmonica La Vittoria jafu lill-Volontarjat u allura f'din is-sena 2011 iddedikata lill-**Volontarjat** mill-Unjoni Ewropeja huwa bix-xieraq li nsellmu lill-sħabna MEMBRI U BANDISTI passati, attwali u futuri li ħadmu bla waqfien sabiex f'dawn il-mija u erba' snin li ilha li twieldet La Vittoria dejjem ħadmu fuq bażi volontarja. Kemm xogħol, tibdiliet, ħsibijiet, sagrifiċċji, impenn, dedikazzjoni u problemi raw, qegħdin jaraw u għad iridu jaraw ta' warajna – kollu f'ġieħ il-volontarjat. Fuq kollox kien hemm, hawn u għad nieħdu aktar sodisfazzjon riżultat tas-sagrifiċċji li saru, qiegħed isiru, u għad iridu jsiru minn sħabna volontiera fi ħdan l-għaqda tagħna.

It-tema tal-volontarjat mexxietni lejn il-ħsieb u l-kitba ta' dan l-editorjal. Meta toqgħod taħseb ftit, mingħajr sforz trid toħroġ dik il-kelma GRAZZI lil dawk kollha li kkontribwew lejn dan il-ktejjeb. Jekk tiġbor il-materjal kollu ssib tiżwieqa ta' ħsibijiet b'temi u suġġetti differenti. Fuq kollox dan kollu jsir f'ġieħ il-volontarjat. Dan l-editorjal ikompli jwessa' l-ħsieb tagħna għaliex kull messaġġ li nirċievu mill-ħafna għaqdiet mużikali, sportivi, kulturali, politiċi, reliġjużi u ċiviċi, warajhom hemm ħafna nies involuti li jikkontribwixxu volontarjament lejn dik l-għaqda. Hemm bżonn li nkomplu nħeġġu sabiex dan il-kontribut lejn il-volontarjat ma jieqaf qatt lejn il-ġid, l-għaqda u f'armonija li ma tista' tinkiseb b'xejn jekk mhux bl-impenn ta' ħafna individwi li lesti li jagħtu parti minn ħinhom lejn is-sapport ta' dak li jemmnu fih.

Meta rajt il-materjal ta' dan il-ktejjeb, hekk għidt bejni u bejn ruħi, kemm għandna nies bravi, kapaċi, b'livell ta' edukazzjoni għoli f'kull qasam. Inħalli f'idejkom sabiex tiġġudikaw dan li qiegħed ngħid. Tibda mill-poeżiji u tispiċċa f'artikli ta' storja kemm f'livell lokali u anke f'livell nazzjonali. Kemm huma ħelwin dawk l-artikli li jġiegħeluk issir taf aktar ir-raħal tagħna. Iż-żgħar tagħna dan għad japprezzawh aktar tard fiż-żmien. Mingħajr ma qegħdin nindunaw dan il-ktejjeb tagħna qiegħed isawwar parti mill-istorja tal-Mellieħa.

Ir-reklami u l-appelli li nsibu jservu l-ewwelnett bħala sosten lejn l-ispiża tal-ktejjeb u t-tieni qegħdin jimbuttaw u jappellaw sabiex nipparteċipaw f'dak kollu li jkun ppreparat kemm waqt il-jiem tal-festa kif ukoll ma dawk l-attivitajiet li jiġu organizzati matul is-sena. Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nappella lill-ġenituri fejn infakkruhom li La Vittoria għandha nies professjonali li qegħdin jgħallmu l-mużika kemm fit-teorija kif ukoll fil-prattika BLA ĦLAS. Ressqu lill-uliedkom jitgħallmu strument. Jieħdu gost huma, jagħtu gost u fuq kollox jidħlu fi spirtu soċjali li jservihom lejn is-sehem tagħhom. Jitgħallmu jirrispettaw lill-ħaddieħor u jibnu l-karattru sod 'il bogħod minn kull vizzji. Appell ieħor li nixtieq inwassal huwa li s-soċjetà La Vittoria tista' tibqa' miexja l-quddiem jekk ikollha l-membri fi ħdana. U dawn min huma? Inti li għandek l-età idħol bħala membru tagħna. Kemm hu sabiħ li tkun parti minn għaqda li temmen fl-iskopijiet u l-idejali li għalihom ġiet imwaqqfa. Forsi mhux ta' sodisfazzjon meta tara numru sabiħ ta' emigranti mal-erbat irjieħ tad-dinja li llum huma Soċji Emigranti. Kemm huwa ta' inkoraġġiment li tara l-kumitat jieħu ħsieb li jsellem u jawgura lil dawk sħabna Melleħin li jkunu wettqu xi suċċess jew għamlu xi ħaġa ta' ġid, tibda mit-tfal tal-praċett u l-griżma u tibqa' sejjer lejn dawk iż-żgħażagħ studenti li jkunu gradwaw. Unur għalihom u lir-raħal tagħna. Kunu ġenerużi bħal dejjem sabiex inkomplu mexjin 'il quddiem. Sehmek jgħodd ħafna.

Nagħlaq billi f'isem il-bord editorjali nixtieq il-festa t-tajba lil kulħadd speċjalment lill-membri, bandisti, kor tat-tfal u dawk kollha fi ħdan il-kumitati u kummissjonijiet flimkien mal-familjari tagħhom u xejn inqas lil dawk kollha li rreklamaw u kkontribwew bl-artikli tagħhom f'dan il-ktejjeb. Fuq kollox il-morda u l-emigranti li ma jistgħux ikunu magħna imma nisperaw li l-website tagħna **www.lavittoriabandclub.org** din is-sena terġa' tkun hemm bil-Live Streaming u bl-updates. Jalla Maria Bambina żżomm idejha fuqna ħalli fil-kwiet u fil-paċi niċċelebraw festa kif jixraqilha l-Omm tagħna fis-Sema.